KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

# L-ERBATAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 0636

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 31 tal-11 ta' Ottubru 2022 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

______________________________
Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

## 7. UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA – IMPJEGATI

**L-ONOR. CARMELO ABELA jistaqsi lill-Ispeaker:** Issa li l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika spiċċa, jista' l-Ispeaker jgħid x'jiġri mill-impjegati li ġew appuntati minnu stess jekk jispiċċawx jew le? Dawn il-persuni tal-fiduċja tal-Kummissarju uxxenti, jista' jgħid jekk għandhomx kuntratt definit jew kuntratt indefinit? F'każ li jibqgħu fl-impjieg, x'inhi r-raġuni meta dawn ġew impjegati fuq il-bażi li jgawdu l-fiduċja ta' min kien jokkupa dik il-kariga? Jista jgħid ukoll kemm huma dawn il-persuni u x'inhu l-ħlas tagħhom?"

02.10.2022

**SPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika qed jiffunzjona bi staff complement ridott ta' erba' impjegati biss għalkemm għandu struttura li taħseb għal seba' impjegati. Mill-erba' impjegati kurrenti, huwa biss wieħed (Driver) li ġie impjegat fuq il-bażi tal-fiduċja. L-oħrajn ġew assenjati minn mas-Servizz Pubbliku jew inkella ġew impjegati wara sejħa pubblika.

Il-prattika tajba fl-amministrazzjoni pubblika titlob li l-Uffiċċju tal-Kummissarju jkun kapaċi jipprovdi kontinwità meta jinbidel il-Kummissarju, u għalhekk għandu jiffunzjona fuq bażi permanenti kif jagħmlu fost oħrajn l-Uffiċċju tal-Ombudsman u l-Uffiċċju tal-Verifika Nazzjonali. Hija għal din ir-raġuni li l-ewwel Kummissarju għall-Istandards adotta l-prattika li jimpjega staff skont il-mertu wara sejħiet pubbliċi. L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (l-OECD) qablet li l-Uffiċċju tal-Kummissarju għandu jsegwi din il-prattika f'rapport li din l-għaqda internazzjonali ħarġet f'Lulju tal-2022 dwar l-operat tal-Uffiċċju.

Biss, kif diġà spjega l-ewwel Kummissarju waqt il-leġiżlatura li għaddiet, hekk kif inħatar kellu bżonn iwaqqaf l-Uffiċċju tiegħu b'urġenza sabiex ikun jista' jibda jiffunzjona, u għalhekk ingaġġa tliet persuni direttament mingħajr sejħa għall-applikazzjonijiet. Id-Driver huwa l-uniku wieħed li fadal minn dawn it-tlieta, u qiegħed fuq kuntratt ta' sena. Wieħed jistenna li jinħatar Kummissarju għall-Istandards ġdid fil-futur qarib u għandha tkun il-prerogattiva tiegħu li jiddeċiedi jekk jixtieqx iġedded il-kuntratt tad-Driver kurrenti jew inkella jagħmel arranġamenti alternattivi.

It-tabella turi l-istruttura tal-Uffiċċju tal-Kummissarju u tindika kif ġie ingaġġat kull impjegat preżenti, kif ukoll jekk għandux kuntratt definit jew indefinit:

| *Kariga* | *Bażi ta' ingaġġ tal-persuna preżentement fil-kariga* | *Kuntratt* |
|---|---|---|
| Direttur Ġenerali | Detailing ta' persuna li kienet direttur ġenerali fis-servizz pubbliku | Definit (erba' snin, bħal diretturi ġenerali fis-servizz pubbliku) |
| Assistent Direttur | Detailing ta' persuna mis-servizz pubbliku | Indefinit iżda l-persuna konċernata qegħda fuq leave fit-tul bla ħlas, jiġifieri effettivament il-kariga hija battala |
| Investigatur | Impieg wara sejħa pubblika | Indefinit |

| | | |
|---|---|---|
| Investigatur/Project Coordinator | Din il-kariga tħalliet battala | — |
| Office Manager | Impieg wara sejħa pubblika | Indefinit |
| Administrative Assistant | Din il-kariga tħalliet battala | — |
| Driver | Ingaġġ dirett | Definit (sena) |

Il-ħlas tal-impjegati li bħalissa qed iservu fl-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards huwa kif ġej, b'riferenza għall-iskali ta' salarju tal-Gvern:

- **Direttur Ġenerali**: skala ta' salarju 3, allowances ta' direttur ġenerali fis-servizz pubbliku, u class allowance ta' €7,000
- **Investigatur**: skala ta' salarju 6 u class allowance ta' €7,000
- **Office Manager**: skala ta' salarju 6 u communications allowance ta' €520
- **Driver**: skala ta' salarju 15 u allowance ekwivalenti għal 35 fil-mija tal-iskala 14.